



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0207/2024**

3.4.2024

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE  
(2024/2655(RSP))

**Margarita de la Pisa Carrión, Bert-Jan Ruissen, Jorge Buxadé Villalba,  
Jadwiga Wiśniewska**  
f'isem il-Grupp ECR

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE  
(2024/2655(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
  - wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”), b’mod partikolari l-Artikoli 1 u 2 tagħha,
  - wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
  - wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b’mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Marzu 2024 dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE;
- B. billi l-Artikolu 51 tal-Karta jistipula li l-kamp ta’ applikazzjoni tal-Karta huwa ristrett għal meta l-Istati Membri jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-UE, u li ma jistax imur lil hinn mill-kompetenzi tal-UE;
- C. billi l-paragrafu 7 tal-Artikolu 168 tat-TFUE, li jikkonċerna s-sahħha pubblika, jiddikjara li “l-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-sahħha tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta’ servizzi tas-sahħha u tal-kura medika”.
- D. billi l-Artikolu 53 tal-Karta jipprevedi li l-Karta ma tistax tīgi interpretata bħala li tirrestrinġi jew taffettwa b’mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;
1. Jiddispjaċiħ li qed jitqajmu kwistjonijiet fil-livell tal-UE li jmorru lil hinn mill-kompetenzi tal-UE, fir-rigward tal-inklużjoni fil-Karta ta’ kwistjonijiet tas-sahħha u tal-kura medika li huma l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri;
  2. Jirrifjuta, b’rispett għall-eżistenza u d-dinjità tal-persuni kollha, kwalunkwe tentattiv biex tīgi emenda l-Karta permezz ta’ proposti li jillimitaw jew jiksru d-drittijiet tal-bniedem, peress li d-drittijiet tal-bniedem huma irrevokabbli, inaljenabbli u intrinsiċi għal kull bniedem;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-

Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.